MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 229/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Mallia talli fit-18 ta' Lulju 2002 mill-Muzew tal-Gugarelli sitwat f'Nru. 222, Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa:

(1) Ikkommetta serq ta' kaxxa tal-hadid li fiha kien hemm is-somma ta' Lm113, ghad-dannu ta' Vincent Brown minn B'Kara liema serq huwa aggravat bil-valur;

(2) Fl-istess hin data lok u cirkostanzi, kiser il-provvedimenti tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta bi tliet sentenzi li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Appell datati 17 ta' Mejju 1996, u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 7 ta' Frar 2002;

(3) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16 ta' Awwissu 1991 u mill-Qorti tal-Appell datata 26 ta' April 1995 rispettivament;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Brian Mallia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kongtra tieghu u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u nofs;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Brian Mallia pprezentat fl-1 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza taghha huwa nstab hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tirrevokaha fejn permezz ta' l-istess gie kkundannat sentejn u nofs prigunerija u minflok timponi piena aktar idoneja ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant isostni li huwa ghandu problema ta' tossikodipendenza u li ghalhekk piena ta' prigunerija mhijiex piena idoneja. Jghid li huwa jinsab vittma kemm tad-droga kif ukoll ta' l-uzura, filwaqt li l-vittmi ewlenin huma uliedu minorenni. Is-soluzzjoni ghalih hi li jinserixxi ruhu fi programm ta' rijabilitazzjoni, haga li ma jistax jaghmel peress li tnejn minn hutu diga` jinsabu inseriti f'tali programm u billi ghandu kawzi ohra pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati lanqas ma jista'

jidhol fi programm simili fil-habs. Sadattant huwa qieghed jipprova jghin ruhu u fil-fatt irnexxielu jaqta' l-methadone wahdu b'dan li jaf li jekk ma jidholx fi programm ta' rijabilitazzjoni jista' jerga' jaqa'. L-appellant osserva wkoll li huwa ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri billi huwa seraq b'impuls irrezistibbli minhabba t-tossikodipendenza tieghu u mhux ghax verament ried jisraq, u ghalhekk ma hassx li kellu joqghod jghaddi lill-Pulizija biz-zmien billi jikkontesta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Jinghad l-ewwelnett li ghalkemm l-appellant ammetta mal-Pulizija li kien seraq il-kaxxa bil-flus mill-Muzew tal-Gugarelli fid-data in kwistjoni u ghamel stqarrija f'dan is-sens (Dok. RM1 a fol. 16 u 17 tal-process), meta tressaq il-Qorti fis-26 ta' Frar 2003 iddikjara ruhu mhux hati u kien biss wara li tlestew il-provi tal-prosekuzzjoni li l-appellant xehed fit-12 ta' Novembru 2003 u kkonferma l-istqarrija tieghu lill-Pulizija. Ma jistax ghalhekk l-appellant jippretendi li ghandu jibbenefika minn xi tnaqqis fil-piena ghal ammissjoni bikrija.

Ghalkemm l-appellant isostni li huwa seraq b'impuls irrezistibbli minhabba t-tossikodipendenza tieghu, il-provi bl-ebda mod ma jinkwadraw ruhhom f'xi wahda mid-difizi taht l-artikoli 33 u 34 tal-Kap. 9.

Kwantu ghall-problema tat-tossikodipendenza u dik ta' l-uzura, huwa veru li dawn huma problemi socjali kbar li hafna drabi jahkmu lil min hu dghajjef. Izda din mhijiex raguni biex tnaqqas ir-responsabbilta` kriminali ta' min, minhabba fihom, jikkommetti xi reat. Il-Qorti tissimpatizza mal-familja ta' l-appellant u anke ma' l-istess appellant li jixtieq u qieghed jipprova johrog minn dawn il-problemi - izda tali problemi ma jistghux jitqiesu attenwanti ghall-fini ta' piena. Barra minn hekk l-appellant diga` nghata opportunitajiet mill-Qrati biex jirriforma ruhu. Bi tliet sentenzi separati moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Mejju 1996, ilkoll dwar serqiet aggravati li wettaq l-appellant fl-1991 u fl-1992, huwa kien tqieghed taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Jannar 2003 huwa nghata

sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn dwar serq aggravat li twettaq fit-13 ta' April 2002. Gie wkoll ikkundannat ghall-hlas ta' multi in konnessjoni ma' kazijiet ta' serq aggravat u dan permezz ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju 1994, tad-29 ta' Ottubru 1999 u tas-26 ta' Frar 2003. B'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Settembru 2002 gie kkundannat ghall-hlas ta' multa in konnessjoni ma' hsarat involontarji kkawzati fuq vettura, dagha u nuqqas li jikkonsenja lill-Pulizija oggetti li sab u li kienu naqsu lil xi persuna. Kien ukoll inghata *conditional discharge* ghal perijodu ta' tliet xhur dwar ksur ta' l-artikolu 38 (1)(a) tal-Kap. 10. Barra minn dawn il-kazijiet fejn huwa car li l-Qrati taghna taw lill-appellant il-possibilita` li jbiddel il-hajja refrattarja tieghu, kellu zewg kazijiet ohra ta' serqiet aggravati li dwarhom kien gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija - seba' xhur permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Awissu 1991 u sena permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' April 1995.

Meta jitqies dan kollu, din il-Qorti hija ta' l-istess fehma ta' l-ewwel Qorti li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva. L-appellant inghata opportunitajiet aktar minn bizzejjed biex jirriforma ruhu u ghalhekk issa l-appellant irid jaghmel il-kontijiet tieghu mal-gustizzja u mas-socjeta`.

Fl-ahharnett pero` din il-Qorti trid tosserva li l-ewwel Qorti erronejament sabet lill-appellant hati wkoll tat-tieni imputazzjoni, cioe` dik li kiser il-provvedimenti ta' l-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 li kien ibbenefika minnhom b'tliet sentenzi ta' din il-Qorti tas-17 ta' Mejju 1996 u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Frar 2002.

Permezz tas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Mejju 1996 l-appellant kien tqieghed taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin mid-data ta' l-istess sentenzi. Ir-reat li dwaru nstab hati fil-kaz in dizamina jirreferi ghal serq aggravat li twettaq fit-18 ta' Lulju 2002, jigifieri <u>aktar minn tliet snin</u> wara li kien skada l-perijodu ta' *probation* moghti bis-sentenzi citati. Ghalhekk ma setax jinstab li l-appellant kiser il-

kondizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 li bbenefika minnhom bl-istess sentenzi.

Dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Frar 2002 li permezz taghha kien inghata *conditional discharge* skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 ghal perijodu ta' tliet xhur, hawn ukoll jirrizulta li l-perijodu ta' tliet xhur kien skada aktar minn xahrejn qabel ma wettaq is-serq aggravat li dwaru gie dikjarat hati fil-kaz in dizamina. Ghalhekk f'dan il-kaz ukoll ma setax jinstab li l-appellant kiser il-kondizzjoni ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet xhur galadarba l-perijodu ta' tliet xhur kien skada.

Konsegwentement, in vista ta' dan, irid ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet il-htija dwar l-ewwel imputazzjoni u dwar it-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u tilliberah minn tali imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u nofs u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jigi inserit fi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema li l-appellant ghandu ta' abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------